

Brussell, 9 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5711/22

ACP 18
FIN 77
PTOM 5
PE-L 2

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proċedura ta' kwittanza tal-FEŻ: sena finanzjarja 2020 Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-twettiq ta' operazzjonijiet taft it-Tmien, id-Disa', l-Għaxar u l-Hejda-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2020 - Adozzjoni

1. L-Artikolu 11(7) tal-Ftehim Intern applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) jiddikjara li l-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tal-Fond għandha tingħata mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata kif stabbilit fl-Artikolu 8(3) tal-Ftehim Intern (ara ĠU L 210, 6.8.2013 p.1)¹.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP, fil-preżenza ta' rappreżentant tal-Qorti tal-Awdituri, eżamina r-Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2020, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-osservazzjonijiet tal-Qorti (ara ĠU C 430, 25.10.2021, p. 7).

¹ Dispożizzjoni simili hija inkluża fil-Ftehimiet Interni li jirregolaw it-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar FEŻ.

3. Fi tmiem id-diskussjonijiet tiegħu, fil-livell tiegħu l-Grupp ta' Ħidma qabel dwar il-kummenti fl-Anness I rigward l-eżami tiegħu tar-rapport tal-Qorti u dwar it-test tal-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet għall-kwittanza.
4. Għaldaqstant qed jiġi ssuġġerit li, soġġett għal konferma mill-Coreper, il-Kunsill għandu:
- japprova l-kummenti mill-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet ifffinanzjati mit-Tmien, mid-Disa', mill-Għaxar u mill-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2020, kif jinsabu fl-Anness I;
 - jadotta r-rakkomandazzjonijiet dwar il-kwittanza li għandha tingħata mill-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet taħt it-Tmien, id-Disa', l-Għaxar u l-Ħdax-il FEŻ għas-sena finanzjarja 2020, kif jinsabu fid-dokumenti 5553/22, 5554/22, 5555/22 u 5557/22, ifffinalizzati mill-ġuristi-lingwisti;
 - jagħmel arranġamenti biex ir-rakkomandazzjonijiet, akkumpanjati mill-kummenti fl-Anness I, jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u japprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness II għal dak il-għan.
-

Kummenti mill-Kunsill

dwar ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri¹ dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2020

1. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li, fl-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), il-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja 2020 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità.
2. Il-Kunsill jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-QEA li:
 - id-dħul tal-FEŻ ma kienx milqut minn livell materjali ta' żball;
 - it-tranżazzjonijiet ta' pagamenti mill-FEŻ kienu milquta minn livell materjali ta' żball.
3. Il-Kunsill jinnota li r-rapport tal-QEA dwar l-attivitajiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja 2020 juri li l-livell ta' żball stmat żdied b'0.3 punti perċentwali meta mqabbel mal-livell ta' żball stmat fl-2019 u għadu ma niżilx taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.
4. Il-Kunsill huwa mħasseb li l-pagamenti mill-FEŻ li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena finanzjarja 2020 huma milquta minn livell materjali ta' żball, fejn il-livell ta' żball stmat huwa ta' 3.8 %. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li s-sehem relattiv tat-tip ta' żball "nuqqas serju ta' rispett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku" kien ferm aktar baxx fl-2020 milli fl-2019. Madankollu, huwa jinnota bi tħassib li l-kategoriji ta' żball "nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn essenzjali" u "nefqa ineliġibbli" jirrappreżentaw aktar minn 75 % tal-livell ta' żball stmat.

¹ ĠU C 430, 25.10.2021, p. 7.

5. Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni tagħha wettqu aktar żbalji fi tranżazzjonijiet marbutin ma' għotjiet u ma' ftehimiet ta' kontribuzzjoni u ta' delega ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fejn 40.3 % tat-tranżazzjonijiet eżaminati kien fihom żbalji kwantifikabbli, li jammontaw għal 94.2 % tal-livell ta' żball stmat totali.
6. Il-Kunsill jibqa' mħasseb bis-sejbiet tal-QEA li f'għadd ta' każijiet il-Kummissjoni kellha biżżejjed informazzjoni biex tipprevjeni, jew taqbad u tikkoreġi, l-iżball qabel ma taċċetta n-nefqa, u li kieku l-Kummissjoni użat l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha setgħet tbaxxi l-livell ta' żball stmat b'1.19 punti perċentwali. Il-Kunsill huwa mħasseb ukoll li, bħal fis-snin ta' qabel, il-frekwenza tal-iżbalji tindika dgħufijiet fil-kontrolli ex-ante u fir-rapporti ta' verifikazzjoni tan-nefqa. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha biex tipprevjeni, taqbad u tikkoreġi l-iżbalji, tagħti aktar attenzjoni lill-kontrolli ex-ante, u tiegħu miżuri biex tindirizza d-dgħufijiet eżistenti.
7. Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li fi tliet oqsma, dawk tal-appoġġ baġitarju, in-nefqa amministrattiva u t-tranżazzjonijiet, li fihom ġie applikat l-"approċċ nozzjonali", ma nstab l-ebda żball.
8. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-QEA jkollha aċċess għad-dokumenti kollha li teħtieġ għal xogħolha u jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-QEA f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet relatati tal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni u ta' delega ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jiġu implimentati skont kif ikun xieraq.
9. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni fl-2020 biex tindirizza d-dgħufijiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern tagħha, billi ttrasferiet ħames azzjonijiet mis-snin ta' qabel u żiedet żewġ azzjonijiet ġodda, dawk tat-tnaqqis tal-ikklerjar eċċessiv tal-prefinanzjament u t-twettiq ta' evalwazzjoni tal-użu tat-termini ta' referenza l-ġodda għall-verifiki tan-nefqa.

10. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni, fl-istudju tagħha tal-2020 dwar ir-rata ta' żbalji residwi (RER), stmat li r-RER qiegħda taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % għall-ħames sena konsekuttiva. Madankollu, huwa mħasseb bis-sejba tal-QEA li l-istudju tal-2020 dwar ir-RER għandu limitazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu biex ir-RER tiġi sstovalutata, fost l-oħrajn minħabba dipendenza żejda fuq xogħol ta' kontroll li sar qabel, attenzjoni żejda fuq is-setturi b'riskju baxx tal-popolazzjoni u nuqqasijiet fil-metodu ta' stima tar-RER. Fl-istess ħin, il-Kunsill jieħu nota tat-tweġibiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.
11. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' proċedura li tirrikjedi lill-kuntrattur tar-RER jirrapporta każijiet ta' suspett ta' frodi lill-Kummissjoni u jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-QEA li jiġi stabbilit dan l-obbligu.
12. Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kunsill jieħu nota tan-nuqqas ta' riżervi dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti mir-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tal-2019. Madankollu, huwa mħasseb bis-sejba tal-QEA li dan in-nuqqas mhux iġustifikat u jeżisti minħabba l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER u l-applikazzjoni tar-regola de minimis, li tintroduċi livell limitu doppju għar-riżervi finanzjarji, li potenzjalment jista' jwassal biex tingħata stampa qarrieqa tar-riskji fil-qasam ta' responsabbiltà tal-Kummissjoni. Fl-istess waqt, il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Kummissjoni li l-istudju dwar ir-RER huwa biss komponent wieħed tas-sistema ta' kontroll intern tal-Kummissjoni u li l-każijiet li għalihom ġiet applikata r-regola de minimis jiġu rrapportati kif xieraq fir-RAA, anki jekk ma tinħareġ l-ebda riżerva dwarhom.
13. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-kwalità tas-sistema ta' kontroll intern tagħha stess, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni u bit-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fihom.
14. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress sodisfaċenti li nkiseb fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2018 u l-fatt li tlestew sebgħa mid-disa' azzjonijiet li ġew identifikati fil-pjan ta' azzjoni tal-2019. Il-Kunsill ser jistenna r-rapport annwali li jmiss tal-QEA u l-valutazzjoni tiegħu tal-istat ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2020 tal-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-erba' azzjonijiet li għadhom qed jiġu implimentati.

15. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tnaqqas il-prefinanzjamenti antiki u l-impenji li ma ntefqux u l-għadd ta' kuntratti li skadew. Huwa jinnota b'sodisfazzjon li, minkejja d-diffikultajiet marbutin mal-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni laħqet il-mira għat-tnaqqis tal-kuntratti skaduti u qabżet il-mira għat-tnaqqis tal-prefinanzjament antik u l-impenji li ma ntefqux.
16. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon l-eżitu tar-rieżami ta' segwitu tal-QEA li l-Kummissjoni implimentat ħamsa mis-sitt rakkomandazzjonijiet mill-2017 b'mod sħiħ u implimentat rakkomandazzjoni oħra fil-biċċa l-kbira tal-aspetti. Il-Kunsill jieħu nota tal-konstatazzjoni li żewġ rakkomandazzjonijiet mill-2018 ġew implimentati f'xi aspetti u li l-Kummissjoni tkompli tieħu azzjoni biex tindirizza l-kwistjonijiet identifikati mill-QEA. Rigward ir-Rakkomandazzjoni 2 mill-2019, li ma kinitx ġiet aċċettata mill-Kummissjoni u ġiet imtennija fir-rapport tal-2020, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lill-QEA biex jilhqqu fehim komuni dwar l-applikazzjoni tar-regola de minimis.
17. Bi qbil mal-QEA, il-Kunsill jirrikonoxxi li għandu jsir titjib f'ċerti oqsma importanti, u jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA li l-Kummissjoni:
- a) tieħu passi sabiex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu lill-QEA b'aċċess sħiħ, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq il-kompitu tagħha f'konformità mat-TFUE, u mhux biss f'format li jinqara biss (li l-Kummissjoni aċċettat),
 - b) toħroġ riżervi għall-oqsma kollha fejn jinstab li għandhom livell għoli ta' riskju, irrispettivament mis-sehem tan-nefqa totali u l-impatt finanzjarju tagħhom (li l-Kummissjoni ma aċċettatx), u
 - c) tistabilixxi obbligi għall-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER biex jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe suspett ta' frodi b'dannu għall-baġit tal-UE li jkun inqabad matul il-xogħol tiegħu fuq l-istudju dwar ir-RER (li l-Kummissjoni aċċettat).

18. Filwaqt li jinnota l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA, il-Kunsill jieħu nota wkoll tat-tweġibiet tal-Kummissjoni.
 19. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ma kellu l-ebda impatt finanzjarju fuq il-kontijiet tal-FEŻ għall-2020, li jirriflettu b'mod korrett l-istat tal-proċess tal-ħruġ fil-31 ta' Diċembru 2020.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

Lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

Minn: Il-President tal-Kunsill

Sa President,

Qed nibgħatlek separatament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2022 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet taħt it-tmien¹, id-disa'², l-ghaxar³ u l-hdax⁴-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2020, flimkien mal-kummenti mill-Kunsill⁵ dwar ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-Tmien, id-Disa', l-Għaxar u l-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2020.

[Formula ta' għeluq].

¹ Dok. 5553/22 ACP 10 FIN 41 PTOM 1.
² Dok. 5554/22 ACP 11 FIN 42 PTOM 2.
³ Dok. 5555/22 ACP 12 FIN 43 PTOM 3.
⁴ Dok. 5557/22 ACP 13 FIN 44 PTOM 4.
⁵ Dok. 5711/22 ACP 18 FIN 77 PTOM 5 PE-L 2.